A.L. 175 tal-2011

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA (KAP. 174)

Regolamenti tal-2011 dwar Vetturi ta' Trasport fuq it-Triq Aktar Nodfa u Effiċjenti fl-Użu tal-Enerġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(1)(d) u (i) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 dwar Vetturi ta' Trasport fuq it-Triq Aktar Nodfa u Effiċjenti fl-Użu tal-Enerġija.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-4 ta' Diċembru, 2010.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"akkwist pubbliku" tfisser l-akkwist taħt kuntratt ta' xogħlijiet, provvista u servizzi minn korpi pubbliċi jew korpi regolati minn liġi pubblika li jkunu jaqgħu taħt it-tifsira ta' awtoritajiet kontraenti;

"awtorità kontraenti" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi; L.S. 174.04

"enerġija" tfisser kull forma ta' enerġija disponibbli kummerċjalment, inklużi l-elettriku, il-gass naturali (inkluż gass naturali f'forma likwida), gass likwidu tal-*petroleum*, kull karburant għat-tisħin u tkessiħ (inklużi it-tisħin u t-tkessiħ distrettwali), faħam u *lignite*, *peat*, karburant għat-trasport (ħlief karburant għall-avjazzjoni u karburant marittimu tal-*bunker*) u l-biomassa kif imfissra fid-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli;

"entità kontraenti" tfisser kull entità kontraenti li ssir referenza għaliha fir-regolament 2(2) tar-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali; L.S. 174.06

"kuntratti ta' xogħlijiet, provvista u servizzi" tfisser kuntratti

b'interess pekunjarju li jsiru bil-miktub bejn entità kontraenti waħda jew aktar u kuntrattur, fornitur, u provditur ta' servizzi wieħed jew aktar;

"kuntrattur", "fornitur" u "provditur ta' servizzi" tfisser persuna naturali jew ġuridika jew entità kontraenti, jew grupp ta' dawk il-persuni u, jew entitajiet li joffru fis-suq, rispettivament, l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet u, jew xi xogħol, prodotti jew servizzi;

"obbligu ta' servizz pubbliku" tfisser kull obbligu impost mill-awtorità kontraenti fuq l-operatur jew kuntrattur, fornitur u provditur ta' servizzi biex iwettqu kull attività li tkun tipprovdi twettiq ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, u liema xogħlijiet, provvisti u servizzi għandhom jiġu mwettqa bi prezzijiet speċifikati fl-interess pubbliku;

"operatur" tfisser operatur li għandu jkopri b'mod ugwali l-kunċetti ta' kuntrattur, fornitur u provditur ta' servizzi għat-twettiq ta' obbligi ta' servizz pubbliku taħt kuntratt ta' servizz pubbliku skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiggieri bil-ferrovija u fit-triq li jkun jeċċedi il-valuri ta' limiti kif imfissra fir-regolament 16 tar-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali u fl-Iskeda 9 li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi;

L.S. 174.06

L.S. 174.04

"vettura ta' trasport fuq it-triq" tfisser vettura fil-kategoriji ta' vetturi elenkati fit-Tabella 3 tal-Iskeda.

Skop u applikabbiltà.

3. (1) Dawn ir-regolamenti jittrasponu d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq aktar nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

(2) Dawn ir-regolamenti huma applikabbli fir-rigward ta' kuntratti għax-xiri ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq minn awtorità kontraenti elenkata fl-Iskeda 1 li tinsab mar-Regolamenti dwar Kuntratti Pubbliċi, minn entità kontraenti elenkata fl-Iskedi I sa X li jinsabu mar-Regolamenti dwar l-Akkwisti Pubbliċi ta' Entitajiet li joperaw fis-Settur tal-Ilma, l-Enerġija, it-Trasport u s-Servizzi Postali, jew minn operatur.

L.S. 174.04

L.S. 174.04

(3) Dawn ir-regolamenti m'humiex applikabbli fir-rigward ta' kuntratti għax-xiri ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq imsemmija fl-artikolu 2(3) tad-Direttiva 2007/46/KE li tistabbilixxi qafas għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal vetturi bħal dawk, sakemm dawk il-vettura m'humiex soġġetti għal approvazzjoni tat-tip jew approvazzjoni individwali.

Xiri ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu ta' enerġija.

4. (1) Awtorità kontraenti, entità kontraenti u operatur, b'żieda mal-osservanza minnhom tar-regoli relatati mal-akkwisti pubbliċi, meta jkunu qegħdin jixtru vetturi ta' trasport fuq it-triq, għandhom iqisu, fir-rigward tal-vettura li jkunu qegħdin jixtru, l-impatti fuq l-enerġija u ambjentali mil-lat ta' operazzjoni tul il-ħajja tal-vettura, li għandhom jinkludu:

(a) il-konsum ta' enerġija;

(b) l-emissjonijiet ta' CO_2; u

(ċ) l-emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu (NO_x), idrokarburi li ma jkunux tal-metanu (NMHC) u materja partikulata.

(2) Awtorità kontraenti, entità' kontraenti u operaturi bħal dawk jistgħu wkoll jikkunsidraw impatti ambjentali oħra.

(3) Ir-rekwiżiti tas-subregolamenti (1) u (2) jiġu sodisfatti billi tiġi applikata mill-awtorità kontraenti, entità kontraenti jew minn operatur waħda mill-għażliet li ġejjin:

(a) billi jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi għall-prestazzjoni mil-lat ta' enerġija u l-ambjent fid-dokumentazzjoni għax-xiri ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq għall-impatti elekanti fis-subregolament (1) flimkien ma' impatti ambjentali addizzjonali li jkunu qegħdin jiġu kkunsidrati bis-saħħa tas-subregolament (2); jew

(b) billi jiġu inklużi fid-deċiżjoni tax-xiri l-impatti mil-lat ta' enerġija u dawk ambjentali billi -

(i) jużaw dawn l-impatti bħala kriterju għall-għoti tal-kuntratt fejn tiġi applikata proċedura ta' akkwist pubbliku; u

(ii) japplikaw il-metodoloġija stabbilita fir-regolament 5 fejn dawn l-impatti jiġu mibdula f'valuri ta' flus biex jiġu inklużi fid-deċiżjoni tax-xiri.

Il-metodoloġija għall-kalkolu tal-ispejjeż operattivi tul il-ħajja tal-vettura.

5. (1) Għall-finijiet tar-regolament 4(3)(b)(ii), l-ispejjeż operattivi tul il-ħajja għall-konsum tal-enerġija u għall-emissjonijiet ta' CO_2 u emissjonijiet li jniġġsu li jidhru fit-Tabella 2 tal-Iskeda, għandhom jiġu kalkolati f'valuri ta' flus billi tintuża l-metodoloġija li ġejja:

(a) l-ispejjeż operattivi tal-konsum tal-enerġija tul il-ħajja ta' vettura għandhom jiġu kalkulati kif ġej:

(i) il-konsum tal-karburant għal kull kilometru ta' vettura għandu jingħadd f'unitajiet ta' konsum ta' enerġija għal kull kilometru kemm jekk dan jingħata b'mod dirett, bħal fil-każ ta' karozzi li jaħdmu bl-elettriku, jew jekk ma jingħatax b'mod dirett. Fejn il-konsum tal-karburant jingħata f'unitajiet differenti, dan għandu jiġi konvertit f'konsum ta' enerġija għal kull kilometru, billi jintużaw il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Iskeda għall-kontenut tal-enerġija tal-karburanti differenti,

(ii) għandu jintuża valur monetarju wieħed għal kull unità ta' enerġija. Dan il-valur waħdieni għandu jkun l-aktar wieħed baxx mill-prezz ta' kull unità ta' enerġija tal-petrol jew ta' *diesel* qabel it-taxxa meta jintużaw bħala karburant għat-trasport,

(iii) l-ispiża tal-konsum ta' enerġija tul il-ħajja operattiva ta' vettura tiġi kalkulata billi jiġi multiplikat il-kilometraġġ ta' tul il-ħajja, fejn meħtieġ, waqt li jitqies il-kilometraġġ diġà mwettaq skond is-subregolament (3), bil-konsum ta' enerġija għal kull kilometru skont is-subparagrafu (i) u bl-ispiża għal kull unità ta' enerġija skont is-subparagrafu (ii);

(b) l-ispiża għall-emissjonijiet ta' CO_2 tul il-ħajja operattiva ta' vettura għandhom jiġu kalkulati billi jiġi multiplikat il-kilometraġġ ta' tul il-ħajja, fejn meħtieġ, waqt jitqies il-kilometraġġ imwettaq skont is-subregolament (3), bl-emissjonijiet ta' CO_2 f'kilogrammi għal kull kilometru skont is-subregolament (2), u bl-ispiża għal kull kilogram meħuda mill-iskala li hemm fit-Tabella 2 tal-Iskeda;

(ċ) l-ispiża tal-emissjonijiet li jniġġsu elekanti fit-Tabella 2 tal-Iskeda tul il-ħajja operattiva ta' vettura għandhom jiġu kalkulati billi jingħaddu flimkien l-ispejjeż tul il-ħajja operattiva tal-vettura għall-emissjonijiet ossidi tan-nitroġenu, idrokarburi li ma jkunux tal-metanu u materja partikulata. L-ispiża tul il-ħajja operattiva għal kull sustanza li tniġġes għandha tiġi kalkulata billi jiġi multiplikat il-kilometraġġ ta' tul il-ħajja, fejn meħtieġ, waqt jitqies il-kilometraġġ diġà mwettaq skont is-subregolament (3), bl-emissjonijiet fi grammi għal kull kilometru skont is-subregolament (2) u bl-ispiża rispettiva għal kull gramma. L-ispiża għandha tittieħed mill-valuri bażati fuq il-medja kalkulata mill-Komunità kif stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Iskeda:

Iżda awtorità kontraenti, l-entità kontraenti u l-operatur jistgħu japplikaw spejjeż ogħla sakemm dawk l-ispejjeż ma jkunux ogħla mill-valuri rilevanti stabbiliti fit-Tabella 2 tal-Iskeda multiplikati b'fattur ta' 2.

(2) Il-konsum ta' karburant, kif ukoll l-emissjonijiet ta' CO_2 u emissjonijiet li jniġġsu li jidhru fit-Tabella 2 tal-Iskeda għal kull kilometru li vettura titħaddem, għandhom ikunu bbażati fuq proċeduri ta' testijiet *standard* tal-Komunità għall-vetturi kif imfissra fil-leġislazzjoni tal-Komunità dwar l-approvazzjoni tat-tip. Fir-rigward ta' vetturi li m'humiex koperti bi proċeduri ta' testijiet *standard* tal-Komunità, għandha tiġi żgurata l-komparabbiltà bejn l-offerti differenti billi jintużaw proċeduri ta' testijiet rikonoxxuti b'mod wiesa', jew ir-riżultati ta' testijiet għall-awtorità, jew informazzjoni mogħtija mill-manifattur.

(3) Il-kilometraġġ tul il-ħajja ta' vettura, jekk ma jkunx speċifikat xort'oħra, għandu jittieħed mit-Tabella 3 tal-Iskeda.

SKEDA

Regolament 5

Data għall-kalkolu tal-ispejjeż tul il-ħajja operattiva
ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq

Tabella 1: Il-kontenut ta' enerġija ta' karburanti tal-vetturi

Karburant	Il-kontenut ta' enerġija
Diesel	36 MJ/litru
Petrol	32 MJ/litru
Gass naturali/Biogas	33-38 MJ/Nm 3
Gass tal-Pitrolju f'Likwidu (LPG)	24 MJ/litru
Etanol	21 MJ/litru
Biodiesel	33 MJ/litru
Karburant imħallat	32 MJ/litru
Idroġenu	11 MJ/Nm 3

Tabella 2: Spiża għall-emissjonijiet fit-trasport fuq it-triq (prezzijiet fl-2007)

CO_2	Ossidi tan-nitroġenu (NO_x)	Idrokarburi li ma jkunux tal-metanu (NMHC)	Materja partikulata
0.03-0.04 EUR/kg	0.0044 EUR/g	0.001 EUR/g	0.087 EUR/g

Tabella 3: Kilometraġġ tul il-ħajja ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq

Kategorija tal-Vettura (kategoriji M u N kif imfissra fir-Regolamenti dwar Piżijiet, Dimensjonijiet u Tagħmir tal-Vetturi bil-Mutur - L.S. 65.21)	Kilometraġġ tul il-ħajja ta' vettura
Karozzi tal-passiġġieri (M 1)	200,000 km
Vetturi tal-merkanzija ħfief (N 1)	250,000 km
Vetturi tal-merkanzija tqal (N 2 , N 3)	1,000,000 km
Vetturi tal-passiġġieri kbar (M 2, M 3)	800,000 km